MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 867/2011

**Joseph Caruana & Co. Ltd.**
**vs**
**Tal-General Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-2 ta' Settembru 2011 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' erba' u sebghin elf, mitejn hamsa u sebghin euro u disa' u erbghin centezmu (€74,275.49) -inkluz il-V.A.T - rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkunsenjata mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta, kif jidher mill-anness prospett Dok. A;

2. Illi s-socjeta konvenuta ghamlet diversi pagamenti akkont izda minkejja li s- socjeta konvenuta giet interpellata biex thallas il-bilanc dovut, hija baqghet inadempjenti ghalkemm twieghed li ser thallas;

3. Illi fil-fehma tas-socjeta attrici dan id-dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u s-socjeta konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet xi ggib ghat-talba ta' hlas tas-socjeta rikorrenti;
4. Illi ghalhekk, is-socjeta esponenti qed tipprocedi kontra s-socjeta konvenuta bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tghid ghalhekk is-socjeta konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, m'ghandhiex taqta' u tiddeciedi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi:

1. Tikkundana lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba’ u sebghin elf, mitejn hamsa u sebghin euro u disa u erbghin centezmu (€74,275.49), bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u kkunsenjata;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju 2011 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju tallum, u bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta, li minn issa qed tigi ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta’ rikorrenti;

Rat in-nota tas-socjeta konvenuta datata 14 ta’ Dicembru 2011 li biha ammettiet it-talba kif dedotta fir-rikors guramentat, kif ukoll semghet il-qari tal-istess nota fil-prezenza ta’ Carmel Spiteri, Direttur tas-socjeta konvenuta;

Wara li l-Qorti ezaminat  l-atti, jirrizulta illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta ppruvata mid-dokumenti minnha esebiti cioe Dok. A anness mar-rikors guramentat, u ghalhekk qed tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti (kontra socjeta intimata), bl-ispejjez  u imghax kif mitluba sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------